CHAMBER
OF ADVOCATES
MALTA

Il-Kamra tal-Avukati
Il-Bini tal-Qorti
Il-Belt Valletta

<u>FOR IMMEDIATE RELEASE</u>

Is-Sibt 8 ta' Frar 2025.

**<u>Stqarrija għall-istampa maħruġa mill-Kamra tal-Avukati.</u>**

Il-Kamra tal-Avukati tgħamel riferenza għall-abbożż ta' liġi Numru 125, imsejjaħ *Att sabiex ikompli jemenda l-Kodiċi Kriminali*, ppublikat fil-31 ta' Jannar 2025, u qiegħda tressaq il-veduti tagħha fil-qosor dwar l-abbozz propost, b'riżerva li tikkummenta f'aktar dettall il-quddiem jekk ikun il-każ.

Il-Kamra tal-Avukati jidhrilha li l-abbozz propost jitratta materja li jolqot drittijiet li illum għandu l-poplu Malti u Għawdxi u ma tifihmx l-għaġġla li abboz ppublikat biss tmiet ijiem ilu, jitressaq minnufih għall-kunsiderazzjoni tal-Kamra tad-Deputati mingħajr il-possibilità ta' studju serju mill-partijiet interessati kollha. Il-Kamra temmen li dan l-abbozz għandu jiġi diskus u analizzat b'kalma u fid-dettal li jimmerita, peress li lil hinn mid-drittijiet involuti l-emendi jistgħu jolqtu direttament proċeduri oħra ġa mibdija jew li jistgħu jinbdew, b' konsegwenzi serji.

Il-Kamra tal-Avukati ma ssibx diffikultà li jitressqu emendi sabiex proċeduri għal ftuħ ta' inkjesti u l-andament tal-istess inkjesti jkunu dejjem aktar trasparenti, iżda ma tista' qatt taqbel li jiddaħlu emendi li jxekklu d-dritt taċ-ċittadin li jiddenunzja kull abbuż riskontrat minnu b' manjiera effettiva, cioè b'mod li tali denunzja tiġi segwita b'investigazzjoni prattika u effettiva. Għall-Kamra tal-Avukati l-eliminazzjoni tad-dritt taċ-ċittadin li jirrikorri direttament għand Maġistrat inkwirenti sabiex jirraporta abbuz , mhix aċċettabli.

Il-Kamra tal-Avukati tqis li għandha tkun il-Qorti, u mhux il-Pulizija, li tiddetermina jekk jissustux raġunijiet sabiex tinfetaħ inkjesta.

Il-Kamra tal-Avukati, kif ġja espress preċedentement fl-ewwel kummenti tagħha dwar dan l-abbożż, taqbel li ħadd ma għandu jabbuza minn ebda proċeduri legali, u mhux biss dawk li jitrattaw il-ftuħ ta' xi inkjesta, iżda dan ma jfissirx li  li kull meta jkun hemm suspett ta' abbuz jiddaħlu miżuri restrittvi li jxekklu l-effikaċja tal-istess dritt li, sal-lum, igawdu minnu ċ-ċittadini Maltin u Għawdxin.

Il-Kamra tal-Avukati tinnota anomalija in prinċipju fl-abbozz imressaq u dan peress li l-emendi qedgħin jorbtu idejn il-Ġudikatura u ċ-ċittadini, filwaqt li l-istess poteri f'idejn il-Pulizija ma ġewx ristretti.

Filwaqt li l-Kamra tal-Avukati tgħaraf il-ħtieġa li l-inkjesti ma għandhomx jitwalu inutilment u dan minħabba l-fatt li l-persuni suspettati ukoll għandhom id-drittijiet fondamentali tagħhom, jidhrilha ukoll li mhuwiex fl-interess tal-ġustizzja li inkjesta tingħata terminu u espert jkollu jirrapporta fuq l-evidenza li ġabar sa dak it-terminu. Investigazzjonijiet mill-Pulizja, meta jsiru, ma jiġi impost fuqhom ebda terminu. Ma tifihmx ukoll għala, ġaladarba l-Pulizija qatt ma tinfurma lill-xi suspettat/a dwar l-eżitu tal-investigazzjonijiet għaddejin fil-konfront tas-suspettat/a, għaliex suspettat/a suġġett għall-inkjesta bil-Maġistrat għandu jiġi mgħarraf bl-esitu tal-istess investigazzjoni.

Il-Kamra tgħamel riferenza għall-livel ta' prova meħtieġa sabiex tinfetaħ inkjesta u jidhrilha li l-prova neċċessarja għandha tkun dik ta' suspett. Il-provi ammissibbli għandhom jiġabru proprju

matul l-indagni approfondita, u mhux jiġu preżentati fil-bidu tar-rapport mid-denunzjant. Il-Kamra tal-Avukati jidhrilha li jkun opportun li l-Maġistrat Inkwirenti għandu jgħati digriet entro sittin ġurnata mit-talba sabiex tinfetaħ inkjesta minn ċittadin privat jekk hemmx il-bazi li tipproċedi l-inkjesta.

Il-Kamra tal-Avukati tagħmel riferenza għad-diskors li sar dwar *hearsay evidence* u ġġib għall-attenzjoni ta' dawk li forsi ma jafux, il-fatt li l-Qorti Ewropeja għal-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem ilha sa mis-sena 2011 li għarfet li *hearsay evidence* f'ċerti ċirkostanzi u taħt ċerti kundizzjonijiet, hija ammissibli. La darba din hija ammissibli minn qorti kriminali sabiex jinstab ħtija ma tarax l-għaliex din il-prova ma għandhiex tkun biżżejjed sabiex tinfetaħ inkjesta jekk iċ-ċirkostanzi hekk jimmeritaw.

Il-Kamra tara diffikultà fl-abbozz imressaq għal dak li jirrigwarda r-restrizzjoni imposta fuq l-esperti li jesprimu l-opinjoni tagħhom meta dan huwa permess f'bnadi oħra tal-liġijiet tagħna u mhux biss fil-Kodiċi Kriminali. Issib diffikultà ukoll taċċetta li l-ħlasijiet tal-esperti għandhom jkunu bbazati fuq rati normalment imħallsa ġewwa Pajjizna għaliex dan mhuwiex dejjem fattibli, kif ukoll li d-diskrezzjoni tal-Prim Imħallef li jawtorizza ħlasjiet lill-esperti lill hinn mill-valur ta' ħamsin elf, trid tiġi diskussa mal-Avukat Ġenerali. L-uffiċċju tal-Prim Imħallef għandu jgawdi fiduċja u din għandha tkux diskrezzjoni assoluta tiegħu u tiegħu biss.

Dwar l-iskrutinju tal-esperti, Il-Kamra tal-Avukati tgħamel riferenza għall-osservazzjonijiet magħmula fil-ftuħ tas-sena forensi 2024, meta l-Kamra, minn jedda kienet ressqet suggerimenti fuq dan il-fatt, suggerimenti li dak iż-żmien waqgħu fuq widnejn torox.

Il-proposti imressqa jafu jinċidu fuq id-diskrezzjoni u l-awtonomija tal-Magistrat lill hinn mid-dewmien li dawn jistgħu jġibu magħom.

Il-Kamra tal-Avukati finalment jidhrlha li ħadd m'hu 'l fuq mill-liġi u ħadd ma għandu jiġi eskluż milli jirrispondi għal għemilu, hu minn hu, u jokkupa liema kariga jokkupa.

Il-Kamra tal-Avukati.